Nru. 17,922
Prezz Lm1.76ċ
Price Lm1.76c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 16 ta' Mejju, 2006
Tuesday, 16th May, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 419

AVVIŻ LEGALI PPUBBLIKAT FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviż Legali li ġej ġie ppubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,921 tat-12 ta' Mejju, 2006.

A.L. Nru. 110 ta' l-2006: Att dwar il-Lotteriji u Logħob Ieħor (Kap. 438); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Logħob minn Distanza.

Is-16 ta' Mejju, 2006

GOVERNMENT NOTICES

No. 419

LEGAL NOTICE PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notice was published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,921 of the 12th May, 2006.

L.N. No. 110 of 2006: Lotteries and Other Games Act (Cap. 438); Remote Gaming (Amendment) Regulations, 2006.

16th May, 2006

Nru. 420

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Mejju, 2006 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 403 tad-9 ta' Mejju, 2006 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-12 ta' Mejju, 2006
(OPM 3/2006)

No. 420

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Friday, 12th May, 2006 and that the arrangements made by Government Notice No. 403 of the 9th May, 2006, ceased to have effect accordingly.

12th May, 2006

Nru. 421

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, b'seħħ mit-Tlieta, is-16 ta' Mejju 2006, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Is-16 ta' Mejju, 2006
(OPM 3/2006)

No. 421

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance, with effect from Tuesday, 16 May 2006, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

16th May, 2006

Nru. 422

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-Dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba' (Kap. 199).

Is-16 ta' Mejju, 2006
E29/2002/I/2

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-Kalkara:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,390 metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern, mil-Lvant ma' triq pubblika u min-Nofsinhar ma' proprjetà privata u hija rreġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala tenement Nru. E 00064.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. 156_2003, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

Id-9 ta' Mejju, 2006

No. 422

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, (Cap. 199).

16th May, 2006

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act,1967.

Description of the Land

The following land at Kalkara:–

1. A plot of land measuring about 1,390 square metres, bounded on the West by government property, on the East by a public road and on the South by private property and is registered in the Government Records as tenement No. E 00064.

The abovementioned land is shown marked in red on plan P.D. 156_2003, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

9th May, 2006

Nru. 423

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR PASSAPORTI U REĠISTRAZZJONI ĊIVILI U AĠENT DIRETTUR REĠISTRU PUBBLIKU U REĠISTRATUR TAŻ-ŻWIĠIJIET

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern approva l-hatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Charles Micallef	Aġent Direttur Passaporti u Reġistrazzjoni Ċivili u Aġent Direttur Reġistru Pubbliku u Reġistratur taż-Żwiġijiet *Acting Director Passports and Civil Registration and Acting Director Public Registry and Marriage Registrar*	Reġistrazzjoni Ċivili Reġistru Pubbliku *Civil Registration* *Public Registry*	24–29.05.06

Is-16 ta' Mejju, 2006

No. 423

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR PASSPORT AND CIVIL REGISTRATION AND ACTING DIRECTOR PUBLIC REGISTRY AND MARRIAGE REGISTRAR

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

16th May, 2006

Nru. 424

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Segretarji tal-Kunsilli Lokali

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd, illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali, wara konsultazzjoni mal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern approva illi l-persuna msemmija hawn taħt tkun nominata Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali rispettiv:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
Żejtun	J. C. Azzopardi

L-10 ta' Mejju, 2006

No. 424

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Local Councils Secretaries

IT is hereby notified for general information that, in terms, of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act (Cap. 363), the Local Council, after consultation with the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, has approved that the following person be appointed Deputy Executive Secretary of the respective Local Council:–

Local Council Locality	*Secretary*
Żejtun	J. C. Azzopardi

10th May, 2006

Nru. 425

ELEZZJONI KAŻWALI 2006 – SANTA VENERA

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fl-10 ta' Mejju, 2006, biex jimtela l-post li tbattal minn Caruana Michael, Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal, ġew eżaminati u trasferiti skond il-liġi lill-kandidati nominati validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:–

No. 425

CASUAL ELECTION 2006 – SANTA VENERA

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 10th day of May, 2006, to fill the seat vacated by Caruana Michael, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the validly nominated candidates and that the result is as shown hereunder:–

Numru ta' voti fil-Pakkett / *Number of votes in Parcel* } **409**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti / *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota / *Quota* } **205**

Isem tal-Kandidati *Name of Candidates*	Għadd 1 *1st Count*
	Voti *Votes*
PARTIT NAZZJONALISTA	
BORG NICHOLAS RAYMOND	207E
ELLUL MARIELLA	84
ZAMMIT ALEXIA	103
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	15
Total *Total*	409

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi BORG NICHOLAS RAYMOND ġie kif mistħoqq elett Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that is duly elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum l-10 jum ta' Mejju, 2006
Dated this 10th day of May, 2006

EDWARD R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

J.M. BUTTIGIEG, M. CALLUS, H. DISTEFANO, A. FELICE
S. FENECH, V. GANADO, S. SANT, T. SULTANA

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Is-16 ta' Mejju, 2006

16th May, 2006

Nru. 426

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 426

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of Local Wardens

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Godwin Cini	355452 (M)	87, "Soleil", Triq il-Batterija, Taż-Żonqor, Marsaskala

Applikazzjoni għall-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Carmelo Galea	100058 (M)	184, Triq San Gejtanu, Ħamrun
Philip Sciberras	233576 (M)	240, Flat 5, Triq il-Kbira, Żabbar
David Tabone	44479 (M)	"Judith", Flat 1, Triq il-Koppla, Fgura
Johann Aquilina	556277 (M)	149, Triq is-Sorijiet, Tarxien
Krystle Carabott	593083 (M)	"Grace", Triq l-Ixprunara, Marsaxlokk
Michel Calleja	21481 (G)	5, Triq it-Telgħa, Qala, Għawdex
Maria Dolores Saliba	472958 (M)	85, Flat 4, Telgħet Birkirkara, San Ġiljan
Massimo Sciortino	398572 (M)	113, Triq Ġużè Ellul Mercer, Dingli
Joseph Spiteri	547759 (M)	31, "Ta' Ging", Triq S. Canataci, Ibraġ, Swieqi
Joseph Grima	174081 (M)	8, Sqaq il-Maghada, Birkirkara
Garreth Eddie Spiteri	302287 (M)	Flat 1, Triq San Vincenz, Bini San Pawl, Blokk B, Ħamrun
Alfred Pepe	616054 (M)	28, "Anfred Pepe", Triq is-Sewwieqa, Ħamrun
Elton Barbara	193282 (M)	"St. Michael's Farm", Triq Bormla, Żejtun

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjataghha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Is-16 ta' Mejju, 2006

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

16th May, 2006

Nru. 427

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza (Għeluq) dwar il-Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar is-Sibt, 10 ta' Ġunju 2006, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Prima Tours Ltd.

Is-16 ta' Mejju, 2006

No. 427

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Upper Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Saturday, 10th June 2006, from 4.00 p.m. onwards, the Upper Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of Prima Tours Ltd.

16th May, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 37

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Sta Venera

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Ġunju 2006 mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Sta. Venera, Misraħ il-Barrieri, l-Imsida u l-Kbira San Ġużepp (minn kantuniera ma' l-Imsida sa kantuniera ma' l-Qalb Imqaddsa).

Is-16 ta' Mejju, 2006

POLICE NOTICE

No. 37

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the date and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated.

St Venera

On Sunday, 4th June 2006 from 5.00 p.m. till 7.00 p.m. through the following streets: Misraħ Sta. Venera, Misraħ il-Barrieri, l-Imsida and il-Kbira San Ġużepp (from corner with l-Imsida to corner with il-Qalb Imqaddsa).

16th May, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Senior Registrar (Dentistry)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand dentisti għall-post ta' *Senior Registrar (Dentistry)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar (Dentistry)* għandu salarju ta' Lm7,638 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,288 (Skala ta' Salarju Nru. 5).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Senior Registrar (Dentistry) in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from dentists for the post of Senior Registrar (Dentistry) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (Dentistry) carries a salary of Lm7,638 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,288 (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. Il-persuna nominata tiħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm -il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tifforma parti mid-Dipartiment tad-Dentistrija u taqa' taħt iċ-*Chairman* u l-konsulenti tad-Dipartiment tad-Dentistrija. Hija tkun mistennija li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programmi tat-tagħlim u taħriġ tad-Dipartiment tad-Dentistrija (studenti ta' qabel u wara l-gradwazzjoni, taħriġ ta' impjegati eċċ.) kif meħtieġ.

5.2. Il-persuna nominata tkun trid tagħti sehmha fil-kura tal-pazjenti mibgħuta minn postijiet oħra fejn jingħata servizz tas-saħħa u dentali u tikkoordina ma' konsulenti u speċjalisti oħra kemm tobba kif ukoll dentisti fil-kura komprensiva ta' dawn il-pazjenti.

5.3. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel sezzjonijiet fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

5.4. Il-persuna nominata, flimkien ma *Consultant Dental Surgeons*, tkun meħtieġa li tgħin liċ-*Chairman* tad-Dentistrija jikkoordina s-servizzi tad-Dentistrija, li torganizza proċessi ta' *quality assurance* u tista' tkun trid iżżomm *clinics* regolari fl-isptarijiet u l-*Primary Health Care* f'Malta u Għawdex.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli biex tassigura li l-livell ta' kompetenza tad-*dental surgeons* u *paraprofessionals* li tkun inkarigata minnhom fl-oqsma tad-dentistrija kollha fl-isptarijiet u l-*Primary Health Care,* jintlaħaq.

5.6. Il-persuna nominata tkun trid turi esperjenza avvanzata u ħila fl-ispeċjalitajiet ewlenija tad-dentistrija inkluż *oral surgery, restorative surgery* u oħrajn. Hi trid tkun lesta li taħdem fl-oqsma kollha tad-dentistrija kif jinħtieġ. Hi trid tkun lesta wkoll li taħdem f'*multidisciplinary teams (Oral Surgery, Paediatric Dentistry, Orthodontics, Gerodontology* u *Maxillo-facial surgery* eċċ.).

5.7. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tinvolvi ruħha f'riċerka dentali, taħriġ ta' impjegati u fi programmi ta' edukazzjoni kontinwa għal *clinicians* u *paraprofessionals* fil-livelli kollha fid-Dipartiment tad-Dentistrija.

5.8. Il-persuna nominata tkun trid iżżomm inventarju ta' informazzjoni dwar epidemjoloġija u servizz mogħti kif ukoll

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will form part of the Department of Dentistry and will be directly accountable to the Chairman of Dentistry and consultants in the department. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Dentistry and to participate in its teaching and training programmes (undergraduate, postgraduate, staff training etc.) as required.

5.2. The appointee will be required to contribute to the care of patients referred from other medical and dental services and liaise with other medical and dental consultants and specialists in the comprehensive care of these patients.

5.3. The appointee may be required to hold clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extensions of the health service as provided under a comprehensive National Health Service.

5.4. The appointee will be required with Consultant Dental Surgeons to assist the Chairman of Dentistry in co-ordinating Dental Service/s, organise processes of quality assurance and may be required to hold regular clinics in the Hospitals and Primary Health Care in Malta and Gozo.

5.5. The appointee will be responsible for ensuring the required level of competence of dental surgeons and paraprofessionals working in his/her charge in all fields of dentistry in the hospitals and primary health care.

5.6. The appointee must demonstrate experience and ability in the main dental specialities including oral surgery, restorative surgery and others. He/She must be prepared to work in all aspects of dentistry as required. He/She must also be prepared to work in multidisciplinary teams (Oral Surgery, Paediatric Dentistry, Orthodontics, Gerodontology and Maxillo-facial Surgery etc.).

5.7. The appointee will be required to demonstrate involvement in dental research, training of staff and programmes of continuing education for clinicians and paraprofessionals at all levels in the Department of Dentistry.

5.8. The appointee will be required to maintain an inventory of epidemiological and service data, and shall maintain a

iżżomm *logbook* tal-pazjenti taħt il-kura personali tagħha li jkunu aċċessibbli għal min jiġi bżonn permezz taċ-*Chairman* tad-Dentistrija.

5.9. Il-persuna nominata tkun responsabbli għat-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni fl-ispeċjalità ta' l-għażla tagħha għall-kollegi kliniċi u *paraprofessionals* fil-livelli kollha li jagħtu sehem fil-kura tal-pazjenti taħt l-inkariga tagħha.

5.10. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li ghalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Dentali f'Malta;

d) ikollhom kwalifika xierqa ta' wara l-gradwazzjoni u mill-anqas sitt snin prattika fil-professjoni dentali;

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-

logbook of patients under his/her personal care accessible through the Chairman of Dentistry.

5.9. The appointee shall be responsible for the implementation of an ongoing (continuing) training and education programme in the speciality of his choice in respect to clinical colleagues and paraprofessionals at all levels contributing to the care of patients in his/her charge.

5.10. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Dental Profession in Malta;

d) be in possession of an appropriate postgraduate qualification and have at least six years practice in the dental profession;

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave

Service and Leave Record Form (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjonijiet, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2. Hija r-responabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants,* trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibgħatu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

Record Form (GP47). Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju 2006 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-16 ta' Mejju, 2006

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General at the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 9th June 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 9th June 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

16th May, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Chairman* tad-Dipartiment tal-Pedjatrija fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Chairman* tad-Dipartiment tal-Pedjatrija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Is-salarju għall-post ta' *Chairman* tad-Dipartiment tal-Pedjatrija ikun ta' Lm11, 567 fis-sena (Skala ta' Salarju 3).

3.1. Il-ħatra ta' *Chairman* tad-Dipartiment tal-Pedjatrija, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi ta' kuntratt ta' ħames snin u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Chairman of the Deparatment of Paediatrics in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Chairman of the Department of Paediatrics in the Health Division.

2. The salary for the post of Chairman of the Department of Paediatrics is Lm11,567 per annum (Salary Scale 3).

3.1. The appointment of a Chairman of the Department of Paediatrics, which is subject to a probationary period of one year, shall be on the basis of a five year contract and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. Din il-ħatra hija fuq bażi *full-time* jiġifieri l-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' erbgħin siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu imma, skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar inkluż sessjonijiet ta' *outpatients* jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:-

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tkun taqa' direttament taħt min imexxi l-isptar u fl-aħħarnett taht id-Direttur ta' l-*Institutional Health*.

6.1. Il-persuna nominata tkun responsabbli għall-maniġġjar u tmexxija tad-Dipartiment tal-Pedjatrija fis-servizz tas-Saħħa. Minbarra li tipprovdi *clinical inpatient service* fl-Isptar San Luqa u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, trid tkun responsabbli wkoll għat-tmexxija tas- servizzi ta' *outpatients* fil-Pedjatrija f'Malta u Għawdex kif ukoll tagħti servizz ta' parir professjonali lill-isptarijiet kollha. Hi tkun responsabbli wkoll għall-aspetti kliniċi tal-faċilitajiet tal-pedjatrija fiċ-Ċentri tas-Saħħa u għall -provvediment ta' l-istess faċilitajiet.

6.2. Il-persuna nominata trid tkun responsabbli għad-dixxiplina u l-prattika fis-sala u trid tagħti kont dwar l-inforzar tad-dixxiplina ta' l-impjegati taħt il-kariga tagħha.

6.3. Meta tkun l-*Admitting Consultant* (fuq xogħol), il-persuna nominata trid tattendi għal ħtiġiet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz. Dakinhar filgħaxija, trid iddur is-sala biex taċċerta sakemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fil-istess ġurnata tad-dħul.

6.4. Il-persuna nominata trid tagħti parir lid-Diviżjoni tas-Saħħa dwar żviluppi fis-servizz tal-Pedjatrija, tħejji *policies* kliniċi u tax-xogħol dwar id-dipartiment kliniku tagħha u taġġornahom kif jinħtieġ għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet ta' l-isptar, u tassigura li l-*policies* approvati jiġu obduti.

3.2. This appointment is on a full-time basis, i.e. the appointee will be conditioned to a forty-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions including outpatients sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside hisċher official hours of work, and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee will be directly accountable to the hospital management and ultimately to the Director, Institutional Health.

6.1. The appointee shall be responsible for the management, and administration of the Department of Paediatrics within the Health Service. Apart from providing the clinical inpatient service based at St. Luke's Hospital and Gozo General Hospital, the appointee shall also be responsible for running the outpatients Services in Paediatrics in Malta and Gozo as well as for providing consultancy service to all hospitals. He/She shall also be responsible for the Clinical aspects of, and provide the necessary back up facilities for clinical paediatric facilities at Health Centres.

6.2. The appointee shall be responsible for ward discipline and practice and accountable for the enforcement of discipline of the staff under his/her charge.

6.3. When he/she is the admitting Consultant (on call), the appointee shall be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. He/She is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admissions in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

6.4. The appointee shall advise the Health Division on service developments in Paediatrics, draw up appropriate clinical and operational policies in connection with his/her clinical Department and update these as necessary, for approval by the hospital authorities, and ensure that the approved policies are complied with.

6.5. Il-persuna nominata trid tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizzi u verifika medika.

6.6. Il-persuna nominata trid tassigura l-ogħla kura possibbli għall-pazjenti b'attenzjoni speċjali biex din tingħata kif xieraq, fil-ħin u kontinwa (inkluż kontinwazzjoni permezz ta' *medical records* miżmuma tajjeb u li wieħed jista' jsegwihom bla tbatija, u permezz ta' ittri fil-ħin dwar ħruġ mill-isptar).

6.7. Il-persuna nominata trid tagħmel proposti dwar l-iżvilupp tas-*subspecialities* fil-pedjatrija u ssegwi l-progress tal-*policies* approvati f'dan ir-rigward.

6.8. Il-persuna nominata trid tieħu ħsieb ilmenti dwar id-dipartimenti tagħha skond il-proċedura applikabbli għad-Diviżjoni tas-Saħħa b'mod ġenerali u għall-isptarijiet b'mod partikolari.

6.9. Il-persuna nominata trid tassigura l-implimentazzjoni ta' programmi kontinwi ta' taħriġ u edukazzjoni għall-impjegati tad-Dipartiment tagħha, inkluż l-organizzazzjoni ta' laqgħat kliniċi u programmi ta' taħriġ fil-Pedjatrija għall-*undergraduates* u *postgraduates* kif ukoll għall-impjegati paramediċi fid-Dipartiment.

6.10. Il-persuna nominta trid tħejji *Business Plans* għad-Dipartiment kliniku tagħha u tassigura l-implimentazzjoni tagħhom, tassigura l-użu xieraq ta' riżorsi umani u riżorsi oħra li għandha għad-dispożizzjoni tagħha.

6.11. Il-persuna nominata trid toqgħod fuq Bordijiet u Kumitati kif tkun imqabbda mill-awtoritajiet kompetenti, inkluż Bordijiet u Kumitati mediċi, ta' għażla, ta' investigazzjoni u dawk li jagħtu parir.

6.12. Il-persuna nominata trid tħejji rapport kull sena fuq ix-xoghol tad-dipartiment kliniku tagħha.

6.13. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

7. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu

6.5. The appointee shall establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

6.6. The appointee shall ensure the highest level possible of patient care with special attention to appropriateness, timeliness, and continuity (including continuity through well maintained and easily followable medical records and timely discharge letters).

6.7. The appointee shall make proposals for the development of subspecialities in paediatrics and monitor progress in respect of approved policies in this respect.

6.8. The appointee shall deal with complaints pertaining to his/her department, in accordance with procedures applicable to the Health Division in general and to the hospitals in particular.

6.9. The appointee shall ensure the implementation of a continuing training and education programme in respect of the staff of his/her Department, including the organisation of clinical meetings and teaching programmes in Paediatrics for medical undergraduates and postgraduates as well as paramedical staff in the department.

6.10. The appointee shall draw up Business Plans for his/her clinical department and ensure their implementation, ensuring the appropriate use of human and other resources at his/her disposal.

6.11. The appointee shall sit on such Boards and Committees as may be indicated or requested by the competent authorities, including Boards and Committees of a medical, selective, investigative or advisory nature.

6.12. The appointee shall prepare an annual report on the workings of his/her clinical department.

6.13. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

7. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the

jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li ghalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-professjoni Medika f'Malta;

d) jew

(i) ikollhom ħatra ta' *Consultant* fl-ispeċjalità fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

jew

(ii) ikollhom kwalifika oghla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Pedjatrija (M.R.C.P.C.H.) jew kwalifika oħra komparabbli xierqa);

e) ikollhom mill-anqas seba' snin esperjenza fil-Pedjatrija wara li jkunu kisbu l-kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni;

f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta qabel u jagħtu d-dettalji).

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the medical profession in Malta;

d) either

(i) hold a Consultant post in the speciality in the Malta Public Service

or

(ii) be in possession of a higher postgraduate qualification in Paediatrics (e.g. M.R.C.P.C.H. or other appropriate comparable qualification);

e) have at least seven years experience in Paediatrics following the attainment of the higher postgraduate qualification mentioned above;

f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47). Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Malta Government Service giving details).

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.2. Hija r-responabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants,* trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

10.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referee*s jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju 2006.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

9.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11. The applicant selected for appointment will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 9th June 2006.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbgħatu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-16 ta' Mejju, 2006

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 9th June 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

16th May, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' Deputat Reġistratur fid-Diviżjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja, Malta

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' Deputat Reġistratur fil-Qrati tal-Ġustizzja, Malta.

2.1 Il-persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet (3) snin bħala Deputat Reġistratur fil-Qrati tal-Ġustizzja, liema kuntratt jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala Deputat Reġistratur matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta huma jżommu l-grad sustantiv tagħhom waqt il-perjodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għall-grad sustantiv tagħhom meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ li l-persuni magħżula ma jkunux Uffiċjali Pubblici fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħhom mal-Qrati tal-Ġustizzja kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt jinħatru fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 10, huma jkunu mistennija li jħallu d-doveri ta' Deputat Reġistratur fil-Qrati tal-Ġustizzja u jkunu trasferiti għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħhom. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuni magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 10 permezz ta' *progression*, il-persuni jitħallew jkomplu l-perjodu ta' ingaġġ tagħhom kif ipprovdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma jiġux offruti tiġdid tal-kuntratt.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Deputy Registrar at the Courts of Justice Division, Malta

The Public Service Commission invites applications to fill vacancies in the positions of Deputy Registrar at the Courts of Justice, Malta.

2.1 The selected candidates will be expected to enter into a three (3) year contract as Deputy Registrar at the Courts of Justice which may be renewed thereafter for further periods. Unsatisfactory performance as Deputy Registrar during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If the selected candidates are Public Officers in the Malta Public Service they will retain their substantive grade during the contractual period and will return to their substantive grade on termination of the contract. In the case of candidates who are not Public Officers in the Malta Public Service, their service at the Courts of Justice as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that their contract is not renewed or is terminated.

2.3 If the selected candidates are Public Officers in the Malta Public Service and during the contract period, are appointed to a Salary Scale higher than Scale 10, they will be required to relinquish the duties of Deputy Registrar and be transferred to duties pertinent to their new grade. Moreover, if the substantive grade of the selected officers become higher than the maximum of Salary Scale 10 through progression, they will be allowed to complete their term of engagement as provided by the contract in force at the time, but they will not be offered a subsequent renewal of the contract.

3.1 Persuna fil-pożizzjoni ta' Deputat Reġistratur fil-Qrati tal-Ġustizzja jkollha salarju ekwivalenti għall-minimu ta' Skala 10 li huwa ta' Lm5,590 fis-sena li jitla b'żidiet ta' Lm175 kull sena sa massimu ta' Lm6,640 fis-sena. F'każ li l-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubblici fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħhom u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *allowance* li ma tiġix ikkunsidrata għal skop ta' pensjoni.

3.2 Tingħata *allowance* ta' Lm600 fis-sena, maqsuma fi tlettax -il pagament ugwali, lil dawk il-kandidati magħżula.

4. Persuna fil-pożizzjoni ta' Deputat Reġistratur tkun responsabbli lejn id-Direttur Ġenerali tal-Qrati tal-Ġustizzja, ir-Reġistratur tal-Qrati u/jew l-assistenti tagħhom u tkun meħtieġa li:

(a) tattendi s-seduti tal-Qorti;

(b) tipprepara l-atti tal-kawża għas-seduta tal-Qorti u tassigura bil-quddiem li l-atti kollha jkunu kompluti u skond il-liġi;

(ċ) tintaxxa u tevalwa l-ispejjeż ġudizzjarji tal-kawżi;

(d) tiffirma kull att jew dokument li jrid jiġi ffirmat mir-Reġistraturi tal-Qrati;

(e) tassigura li l-lista tal-kawżi titwaħħal man-*notice-board* tal-awli fiż-żmien kif stipulat fil-liġi;

(f) tagħmel dawk l-emendi neċessarji fuq l-atti kif ordnat mill-Qorti;

(g) tikkollazzjona sentenzi, digrieti u ordnijiet oħra tal-Qorti;

(h) tittraskrivi l-proċeduri ġudizzjarji li jkunu ġew irrekordjati b'mezzi elettro-manjetiċi jew xorta oħra;

(i) taqdi dawk id-dmirijiet kif assenjati lilha mid-Direttur Ġenerali tal-Qrati tal-Ġustizzja, mir-Reġistratur tal-Qrati jew l-assistenti tagħhom.

5. Peress illi jkun mistenni illi persuna fil-pożizzjoni ta' Deputat Reġistratur ikollha kuntatt dirett mal-Membri tal-Ġudikatura kif ukoll mal-membri tal-professjoni legali, huwa essenzjali l-applikanti jkollhom apparenza diċenti kif ukoll ikunu dixxiplinati.

6. Ikun meħieġ li dawk l-applikanti eliġibbli jattendu kors ta' orjentazzjoni li jkun jiffoka fuq il-proċeduri tal-Qrati kif ukoll fuq id-dmirijiet tad-Deputat Reġistratur biex b'hekk il- kandidati jkunu f'pożizzjoni li jiddeċiedu jekk għandhomx aktar interess illi jmexxu l-applikazzjoni tagħhom u jattendu

3.1 This position of Deputy Registrar at the Courts of Justice attracts a salary equivalent to the minimum of Salary Scale 10, currently Lm5,590 per annum rising by annual increments of Lm175 up to a maximum of Lm6,640 per annum. In the case of selected candidates being already Public Officers in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officers are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

An allowance of Lm600 per annum, paid in thirteen equal installments, will be paid to the selected candidates.

4. A Deputy Registrar will report to the Director General, Courts of Justice, the Registrars of Courts andċor their assistants and will be required to:-

(a) attend court sittings;

(b) prepare the acts of the proceedings for Court sittings and to see in advance that the acts of proceedings are complete and according to law;

(c) tax and assess judicial bill of costs;

(d) sign any act or document required to be signed by the Registrar;

(e) ensure that all lists of cases are affixed to the halls' notice-boards within the stipulated time;

(f) make the necessary corrections ordered by the Court on the judicial act itself;

(g) collate judgements, decrees and other Court orders;

(h) transcribe judicial proceedings which have been registered by electro-magnetic or by other means;

(i) perform all those duties which may be assigned to himċ her by the Director General, Courts of Justice, the Registrars of Courts and/or their assistants.

5. Since Deputy Registrars would be expected to have direct contact with the Members of the Judiciary and the legal profession, it is essential that applicants be smart in appearance and well disciplined.

6. Eligible applicants will be required to follow an orientation course which will focus on Court procedures and on the duties of Deputy Registrar so that candidates would be in a position to decide whether they are interested in pursuing their applications and in attending for the interview

għall-intervista immexxija minn Bord ta' l-Għażla li jagħżel lil dawk l-applikanti l-aktar adatt għall-imsemmija pożizzjoni. Dan il- kors ta' orjentazzjoni jinkludi serje ta' diskussjonijiet fuq ir-rwol tad-Deputat Reġistratur, żjarat ta' familjarizzazzjoni fir-Reġistri Ċivili u Kriminali kif ukoll attendenza f'seduta tal-Qorti.

conducted by a Selection Board designed to ascertain their suitability for the position. The orientation course will include a series of talks on the role of the Deputy Registrar, familiarization visits to the Civil and Criminal Registries, as well as attendance at a Court sitting.

7. L-applikanti għandhom:-

7. Applicants for the position must:

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(a) (i) be citizens of Malta; or

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (F'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) ikunu l-konjugi jew tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

Il-ħatra tal-kandidati imsemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(b) be able to communicate in the Maltese and English languages;

(ċ) ikollhom lawrja universitarja rikonoxxuta;

(c) be in possession of a recognised University degree;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà huma fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola tas-*Service and Leave Record* (GP47); dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji);

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must provide a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

8.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabiltà (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil ragonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabiltà) (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-pożizzjoni. Dan bil-kundizzjoni li jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1 Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

9.2 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tal-Qrati tal-Ġustizzja.

9.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

http://www.psc.gov.mt Johroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuni magħżula jkollhom joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

11. Malli jkunu ngaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-ftehim għal Uffiċjali Pubblici li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema ftehim jidher f'Appendiċi XIII/IX rispettivament tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code*fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fuq http://www.mpo.gov.mt

12. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta CMR02.

13.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'dokumenti u/jew ċertifikati (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjonijiet, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Courts of Justice Division, Malta and copied to the NCPD.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Courts of Justice.

9.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at:
http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organizations.

9.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

11. On engagement, the selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address: http://www.mpo.gov.mt

12. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment__opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director General, Courts of Justice, Republic Street, Valletta CMR 02.

13.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

13.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

14. Applikazzjonijiet, flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta, mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, id-9 ta' Ġunju 2006.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Ġunju 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal sal-Qrati tal-Ġustizzja, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni huwa +356–21240458).

16. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja għal kull applikazzjoni li titwassal fid-Diviżjoni.

(b) Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jitbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Ġenerali, Qrati tal-Ġustizzja jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-16 ta' Mejju, 2006

13.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universitiesċtertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

14. Applications together with a curriculum vitae including qualifications and experience will be received in the first instance by the Director General, Courts of Justice, Republic Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 9th June 2006.

15. Applications received from abroad through fax or other similar message by noon of Friday, 9th June 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Courts of Justice by not later than one week after the closing date of the call for applications together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Division is + 356-21240458).

16. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Courts of Justice and a receipt given in hand at the time or delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead-line. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Courts of Justice within seven (7) days.

16th May, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Enforecement Manager (Direct Taxation)* fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, Ministeru tal-Finanzi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Enforcement Manager (Direct Taxation)* fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, fil-Ministeru tal-Finanzi.

2.1 Il-persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Enforcement Manager (Direct Taxation) in the Inland Revenue Department, Ministry of Finance

The Public Service Commission invites applications for the positions of Enforcement Manager (Direct Taxation) in the Inland Revenue Department, Ministry of Finance.

2.1 The selected candidates will be expected to enter into

f'kuntratt għal tliet snin bħala *Enforcement Manager (Direct Taxation)* fil-Ministeru tal-Finanzi, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Enforcement Manager (Direct Taxation)* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-ħatra sustantiva tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal din il-ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad fi skala ogħla minn Skala 7 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Enforcement Manager (Direct Taxation)* u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-ħatra l-ġdida tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta permezz ta' *progression*, hi titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3.1 Persuna fil-pożizzjoni ta' *Enforcement Manager (Direct Taxation)* fil-Ministeru tal-Finanzi jkollha salarju ekwivalenti għal massimu Skala 7 (bħalissa Lm8,081 fis-sena). F'każ li persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-ħatra sustantiva tagħha u s-salarju dovut għal din il-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2 Il-persuni magħżula jkunu intitolati wkoll għall-*performance incentive bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Enforcement Manager (Direct Taxation)* jinkludu:-

a) li torganizza u timmaniġġja investigazzjonijiet ta' verifika fuq kull aspett ta' taxxa diretta;

b) li tassigura li *assessments* joħorġu fil-ħin u b'mod regolari;

ċ) li timmaniġġja l-monitoraġġ tar-*returns* tat-taxxi, li tanalizza dawn ir-*returns* minħabba *Risk Analysis* u li tikkoordina riċerka fuq sistemi ta' informazzjoni sabiex tassigura livelli għola ta' infurzar fuq taxxa;

d) li timmaniġġja oġġezzjonijiet, *reviews* u l-kollezzjoni tat-taxxa diretta;

a three-year performance contract as Enforcement Manager (Direct Taxation) in the Ministry of Finance, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Enforcement Manager (Direct Taxation) during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry of Finance as well as with Maltese Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a higher salary scale than Scale 7 of the Malta Public Service, he/she will be required to relinquish the duties of Enforcement Manager and be transferred to duties pertinent to his/her new substantive appointment. Moreover, if the substantive basic salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 7 of the Malta Public Service through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

3.1 The salary attached to the position of Enforcement Manager (Direct Taxation) is equivalent to the maximum of Scale 7 (currently Lm8,081 per annum). In the case that the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 A selected candidate will also be entitled to a performance incentive bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary.

4. The duties of a Enforcement Manager (Direct Taxation) include:-

a) organising and managing audit investigations concerning all aspects of direct taxation;

b) ensuring that relevant assessments are issued in a timely and orderly manner;

c) managing the monitoring of returns, analyze such returns for the purpose of Risk Analysis and co-ordinate research through relevant databases in order to ensure higher levels of tax compliance and enforcement;

d) managing objections, reviews and collection of direct taxation;

e) li tmexxi investigazzjonijiet ta' taxxa u tiġbor informazzjoni, *intelligence* relatat ma' taxxa u evidenza oħra skond il-ħtieġa;

f) li timplimenta metodi aħjar ta' infurzar u osservanza ta' leġislazzjoni fuq taxxa diretta;

g) li tirrapreżenta lid-Diviżjoni tat-Taxxi Interni u/jew tagħti evidenza fil-Bords ta' l-Appel u il-Qrati f' każijiet li jikkonċernaw taxxi diretti;

h) li tmexxi u timmaniġġja lin-nies ta' taħta, kif ukoll li torganizza taħriġ speċjalizzat;

i) li tibqa' kurrenti ma' leġiżlazzjoni tat-taxxi diretti, ma' metodoloġija u proċeduri u li tipprovdi pariri u direzzjoni lin-nies ta' taħta;

j) li timmaniġġja mistoqsijiet minn klijenti skond il-ħtieġa; u

k) li tagħmel kull xogħol ieħor skond kif ordnat mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi.

5. L-applikanti għandhom:

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

ċ) (i) ikollhom *post-graduate degree* rikonoxxuta jew kwalifka rikonoxxuta xierqa komparabbli oħra fil-*Management, Accountancy,* Amministrazzjoni Pubblika, *Public Policy*, jew *Banking and Finance*, u sena esperjanza ta' xogħol relevanti;

JEW

(ii) ikollhom *first degree* rikonoxxuta jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli oħra fil-*Management, Accountancy,* Amministrazzjoni Pubblika, *Public Policy,* jew *Banking and Finance,* u tliet snin esperjenza ta' xogħol relevanti;

U

d) ikunu ta' karattru morali sod (applikanti li huma mpjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *(GP 47) Service and Leave Record*; waqt li l-applikanti li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku Malti għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), ukoll jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità

e) leading tax investigations and compile information, tax related intelligence and other evidence as necessary;

f) implementing improved methods of enforcement and of observance of direct taxation legislation;

g) representing the Inland Revenue Department in litigation and/or give evidence before Courts of Law, Boards and other bodies, in cases concerning direct taxation;

h) leading and managing staff, including by mentoring and organising formal specialised training;

i) keeping up to date with Direct Taxation legislation, methodologies and procedures and provide advice and direction to staff under his/her responsibilities;

j) managing queries by taxpayers as necessary;

(k) performing all other duties as directed by the Permanent Secretary, Ministry of Finance.

5. Applicants must be:

a) citizens of Malta;

b) able to communicate in both the Maltese and English languages;

c)(i) in possession of a recognised post-graduate degree or a recognised, appropriate, comparable qualification in Management, Accountancy, Public Administration, Public Policy or Banking and Finance, plus one year relevant work experience;

OR

(ii) in possession of a recognised first degree or a recognised, appropriate, comparable qualification in Management, Accountancy, Public Administration, Public Policy or Banking and Finance, plus three years relevant work experience;

AND

d) of a good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or a competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have been in Malta Government Service, giving details).

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Articlel 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for

għall pożizzjonijiet. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

these positions provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal dawn il-pożizzjonijiet.

7.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the positions.

7.2.Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u muri fin-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi.

7.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry of Finance.

7.3. Jiġi ppubblikat avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

7.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

7.2 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultati.

7.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2 L-applikanti li għandhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet jew istituzzjoniet barranin għandhom ir-responsabilità li jippreżentaw rapport fuq il-komparabilità tal-kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg. Kopja ta' dan ir-rapport maħruġ mill-MQRIC, jew mill-awtorità kkonċernata f'każ ta' *warrant*, għandha tiġi mehmuza ma' l-applikazzjoni. L-oriġinal irid jiġi ppreżentat waqt l-intervista. Kandidati li m'għandhomx dan ir-rapport xorta waħda jistgħu japplikaw, sakemm jippreżentaw kopja tar-rapport lid-dipartiment ikkonċernat sa mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet.

8.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9. Persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adatti għal dawn il-pożizzjonijiet.

10. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex Uffiċjali Pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma Uffiċjali Pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt.

11 L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta CMR02 sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Ġunju 2006.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu minn għand it-Taqsima ta' l-Impjegati, Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta CMR02.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar tal-Ġimgħa, id-9 ta' Ġunju 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, fl-indirizz ta' hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment huwa 0365 – 21251356.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, għal kull applikazzjoni li titwassal lid-Diviżjoni.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur Servizzi Korporattiivi, Ministeru tal-Finanzi.

Is-16 ta' Mejju, 2006

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the positions.

10. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code. The the Public Service Management Code is accessible from the Management and Personnel Office website at the address:- http://www.mpo.go.mt.

11. Applications together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday, 9th June 2006.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Personnel Section, Department of Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 9th June 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Director Corporate Services is 0356 21251356

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, within seven (7) days.

16th May, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Electrocardiography (ECG) Technician* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Electrocardiography (ECG) Technician* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1 Il-post ta' *Electrocardiography (ECG) Technician* għandu salarju ta' Lm4,677 fis-sena li jiżdied b' Lm144 fis-sena sa massimu ta' Lm5,541 (Skala 13).

2.2. Il-persuna fil-grad ta'*ECG Technician* titla' fi Skala 12 (Lm4,967 x 152 – Lm5,879) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta'*ECG Technician* jinkludu:

a) li tagħmel testijiet ta' *ECG* mingħajr superviżjoni;

b) risponsabbiltà għall-*booking* ta' pazjenti għat-test, għaż-żamma ta' *waiting lists* u għall-konferma ta' appuntamenti lill-pazjenti individwali bit-telefon;

ċ) xogħol dwar il-proċeduri kollha relatati ma' *monitoring* ta' *ECG* u qari tal-pressjoni ta' pazjenti li jkunu *cardiac catheterised*.

d) Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' teknoloġija ta' informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mill-*Personnel Section*, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Floriana.

5. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Electrocardiography (ECG) Technician in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the posts of Electrocardiography (ECG) Technician in the Health Division.

2.1. The post of Electrocardiography (ECG) Technician carries a salary of Lm4,677 per annum rising by annual increments of Lm144 up to a maximum of Lm5,541 (Scale 13)

2.2. An ECG Technician will move to Scale 12 (Lm4,967 x 152 – Lm5,879) on completion of five years service in the grade and subject to satisfactory performance.

2.3. The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of an ECG Technician include:

